**QORTI CIVILI**
**PRIM’AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta’ Gunju, 2020**

**Mandat Nru: 501/2020 AF**

**Joseph Theuma**

**vs**

**Benny Theuma**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Joseph Theuma, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija huwa talab lil din il-Qorti zzomm lil Benny Theuma milli jkompli jaghmel kwalsiasi ta’ kostruzzjoni (sic) biex jostakola jew inehhi passagg f’bicca raba maghrufa bhala “Tas-Sienja”, limiti ta’ Hal Kirkop.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Benedict Theuma.

Rat id-dokument anness.

Rat li r-rikorrenti ma ressaqx sottomissjonijiet kif awtorizzat.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat illi ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn illi qeghdin isiru xi xogholijiet fil-passagg mertu tal-proceduri. Inoltre, ma jissussistix l-element ta' pregudizzju rrimedjabbli li tesigi l-ligi sabiex ikun gustifikat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-11 ta' Mejju 2020 u tichad it-talbiet ta' Joseph Theuma.

L-ispejjez jithallsu minn Joseph Theuma.

IMHALLEF